MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Colin Sheldon)**

**vs**

**Reuben Galea**
**(ID: 276975M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Reuben Galea** li gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-6 ta' Ottubru 2019 ghall-habta ta' 01:50hrs u hinijiet qabel, gewwa l-hanut 'Bella Sicilia', The Strand, Gzira u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkommetta serq ikkwalifikat bil-'hin' ta' zewg basktijiet mill-istabbiliment kummercjali "Bella Sicilia" u li l-valur taghhom inkluz il-kontenut ma jeccedix mitejn u tnejn u tletin ewro u erbghin centezmu (€232.94) u dan ghad-detriment ta' Adna Ricca u/jew persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Aktar talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dottor A. Demicoli LL.D. nhar is-7 ta' Ottubru 2014 u mill-Magistrat Dottor F. Depasquale LL.D. nhar it-23 ta' Frar 2016, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatu zmien biex jikkonsidra l-

istess ammissjoni u wara li l-Qorti fehmitu l-piena abbinata mal-istess imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, u wara li l-Qorti rat id-dokumenti esebiti hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet gew ippruvati skont il-Ligi.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irregistra ammissjoni bikrija, ghandu problema tal-vizzju tad-droga u fedina mhux daqshekk felici. Illi l-Qorti tinnota illi l-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati u jidher li ghal certu zmien zamm 'il boghod mill-istess Qrati. Il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat ghandu bzonn gwida u hafna volontà min-naha tieghu biex jimxi 'l quddiem. Però jrid izomm f'mohhu li dawn il-Qrati ma jistghux jibqghu jkunu klementi mieghu ghal dejjem. Ghaldaqstant il-Qorti hija lesta li taghti din l-ahhar opportunità lill-imputat li però min-naha tieghu jrid jirrealizza li jrid ibiddel ir-rotta ta' hajtu. Ghalhekk se tkun qieghda tpoggih taht il-gwida ta' ufficjal tal-Probation.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikolu 49, 50, u 270 tal-Kodici Kriminali tiddikjara lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u ai termini tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tliet (3) snin mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur